**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 28 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 22**

**Avviz Nru: 1810/01 JB**

**Stephen Scicluna**

**vs**

**Alfred sive Wilfred Mallia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' Lm 600 (sitt mitt lira Maltin) rappresentanti xogholijiet in kwistjoni ma' sandblasting ta' hitan fil-fond 50, Triq San Frangisk, l-Isla u dan fuq ordnijiet ta' l-istess konvenut.

Illi l-attur interpella lill-konvenut ihallsu l-ammont gia indikat izda dan baqgha inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal- 14 ta' Novembru, 2001 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lill- konvenut jhallas is-somma ta' Lm 600 (sitt mitt lira Maltin) rappresentanti xogholijiet in konnessjoni ma' sandblasting ta' hitan fil-fond 50, Triq San Frangisk, L-Isla u dan fuq ordnijiet ta' l-istess konvenut, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**